MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 195/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici u C B izzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta fit-23 ta’ Awissu 2001.

2. Illi dan iz-zwieg gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bhala Att bin-Numru Progressiv 1316 ta’ l-2001 (Dokument A).

3. Illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb jew bi zball dwar l-identita’ tal-parti l-ohra, jew b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-

parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

4. Illi l-attrici zzewwget meta l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u kellhom nuqqas ta' kapacita' li jassumu l-obbligazzjonijiet taz-zwieg.

5. Illi dan iz-zwieg huwa kolpit b' simulazzjoni tant li l-kunsens kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li z-zwieg kontratt bejn A B u C B fit-23 ta' Awissu 2001 huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi ai termini ta' Artikolu 19 ta' Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jannota u jiskrivi tali nullita' fir-rigward ta' l-Att li jgib in-Numru ta' Registrazzjoni 1316/2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta' Awissu 2001

huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] u l-ewwel parti tal-paragrafu [d], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu, fuq insistenza tal-konvenut, fit-23 ta' Awissu 2001 meta l-attrici, cittadina Maltija allura kellha 30 sena u l-konvenut, cittadin Algerin, allura kellu 32 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sena. Wara seba [7] xhur ta' konvivenza l-partijiet isseparaw de facto billi l-konvenut abbanduna d-dar konjugali. Fis-26 ta' Jannar 2005 l-attrici kellha tarbija mill-konvenut, allura separat minnha.

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Illi l-attrici tispjega li hija kienet saret taf lill-konvenut sena qabel iz-zwieg, izda dawna ma kienux jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss. Huma kien johorgu okkazzjonalment, u dan ghal xi siegha jew saghtejn. Kien il-konvenut li kien insista sabiex il-partijiet jizzewwgu, u l-attrici accettat, peress li kienet saret thobbu anke dovut ghall-fatt li kien igib ruhhu tajjeb u kien gentili hafna maghha. Hija pero' ma kienet taf xejn dwaru, stante li qatt ma kien jaghtiha sodisfazzjon.

Illi wara z-zwieg, l-attitudini tal-konvenut fil-konfront ta' martu imbidlet f' daqqa. Hu kien jittrattaha hazin. Kien principalment jinjoraha u qisa ma kinitx tezisti, hlief sabiex hu jinqeda sesswalment. Kien johrog kwazi kuljum fis-6.30 am u jdum barra sal-11.00 pm u ma jghatiha ebda sodisfazzjon ta' xejn. Flus ma taha qatt, u kienet l-attrici li bil-paga taghha kienet tghajjex lilha u lilu Fi kliemha: "qatt ma halla penny fuq il-mejda u qatt ma gab xejn, lanqas bicca hobz qatt ma gab."[1]

L-attrici tghid li wara z-zwieg, fil-mumenti li kienu jitkellmu, huwa kien ikun aggressiv maghha. "Immedjatament wara z-zwieg beda jkellimni hazin u gieli anke sawwatni. Wara

[1] Dep. 13 *et seq.*

z-zwieg qatt ma hrigna fkimkien u nista' nghid beda jittrattani ta' annimali. Ma kienx ikun irid li nsajjarlu, u kien isajjar ghalih wahdu"[2]. Sussegwentement, wara konvivenza matrimonjali ta' 7 xhur, il-konvenut abbanduna d-dar konjugali.

Tghid li "Kien ikollna x' naqsmu flimkien, u llum nahseb li ghalhekk biss izzewwigni".[3] L-attrici tghid li, anke wara s-separazzjoni, huwa kien okkazzjonalment iffitixha sesswalment wara li kien jighidilha biex jinltaqghu bil-pretest li jiddiskutu s-separazzjoni. Kien jibghatilha messaggi biex tmur ghandu d-dar. Hi tghid li kienet taqa' ghalih peress li kienet baqghet thobbu. Sussegwentement harget tqila, u l-konvenut ma riedx jaccetta li hu kien il-missier naturali. Hija tghid li "meta kien jaf li jiena tqila, beda jghajjarni li t-tqala m' hijiex minn tieghu … minn qabel, qal li mhux tieghu [it-tarbija]."[4]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess, il-Qorti tirravvisa da parti tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat il-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla l-kaz ta' eskluzjoni posittiva da parti ta' konjugi taz-zwieg innifsu jew ta' obbligazzjonijiet essenjali ghall-hajja konjugali.

Illi it-tibdil immedjat fil-komportament tal-konvenut wara z-zwieg fil-konfront ta' martu, huwa manifestazzjoni tal-fatt li, nonostante li hu ghadda minn ceremonja ta' zwieg ma' l-attrici, ghall-iskopijiet tieghu, huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jghix il-hajja matrimonjali mal-konvenuta. Il-mod kif hu kien jittrattaha, billi jew jinjoraha jew juza vjolenza fuqha, juri bic-car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-ben essere <u>reciproku</u>. L-uniku ben essere li kellu f' mohhu l-konvenut kien dak tieghu biss u l-htiegijiet <u>tieghu biss</u>.

---

[2] Aff. 27 *et seq.*
[3] Aff. Ibid.
[4] Dep.Ibid.

Di fatti jidher li ghalih l-attrici kienet tezisti biss meta kien ikollu bzonn jissosdisfa l-istint sesswali tieghu. Ghal bqija hi ma kinitx tezisti ghalih: kien jinjoraha, qatt ma kkontribwixxa ghall-bzonnijiet taghhom it-tnejn, kien ihalliha granet shah waheda, u ma kien jghatiha ebda sodisfazzjoni ta’ xejn dwaru. L-egoizmu da parti tal-konvenut jispikka l-izjed fid-dawl tal-fatt li, anke meta huwa abbanduna d-dar konjugali, huwa kien icempel lill-attrici biex meta jkollu aptita sesswalment huwa jinqeda biha minghajr skruplu ta’ xejn, u l-attrici kienet taccettah peress li tghid li kienet ghadha thobbu. Illi konformament mal-komportament ta’ egoizmu da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, meta dina eventwalment harget tqila, huwa harab mir-responsabbilita’ tieghu ta’ missier.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, da parti tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejniethom fit-23 ta’ Awissu 2001; tilqa’ wkoll it-tieni talba. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------